San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 27 tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad**
**saret nhar**
**l-erbgha 20 ta' Marzu 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Simone Aquilina | Cermen |
| Mario Saleno | Sindku |
| Carmel Hli | Membru |
| Joe Hili | Membru |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-Peter Abela**

**Assenti:- Xejn**

Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal- Minuti
2. Punti li johorgu mill- minuti.
3. Approvazzjoni tal-iskeda finanzjarja
4. Laqgha mall-kappillan u l-Accountant
5. Assocjazzjoni tal-Playing Fields.
6. Xogholijiet pendenti
7. Aggornamenti u affarijiet ohra.
8. Gheluq tal - Laqgha

1 Ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Simone Aquilina bdiet il-laqgha b'talba u qalet li peress li kellna lill Perit Etienne Magri mistieden ghal-laqgha kien tajjeb li nibdew halli naraw il-progetti li kienu progettati u qatt ma' twettqu.

2 <u>Picnic Area Pubblika.</u> L-ewwel progett li gie diskuss huwa l-progett ta' tisbieh u tqeghid tal-imwejjed ghall-pubbliku f'area maghrufa bhala Hilltop village. Kien hemm il-qbil unanimu minn dawk kollha prezenti biex jinbeda l-process halli jitwettaq dan il-progett u ghaldaqstant il-perit Etienne Magri intalab biex jissottometti id-DNO li hemm bzonn.

3 <u>Belvedere fi Triq Busewdien</u>. Gie diskuss il-belvedere li kien hemm progettat fl-inhawi ta' Triq Busewdien u kien hemm qbil ukoll unanimu biex jinbeda x-xoghol fuq dan il-progett ukoll. Hemm il-hsieb li jehlu bankijiet bi pjattaformi tal-konkos bhala tisbieh tal-inhawi.

4 <u>Playing field ta' Burmarrad</u>. Wara li s-segretarju ezekuttiv spjega x-xoghol ta' tisbieh u manutenzjoni li kienu qed isiru fil-kmamar tad-dressing rooms li tnaddfu, inzebghu, tranga id-dawl kollu, twahhlu searchlights fuq ic-cinta u twahhlu wkoll CCTV's ma' kullimkien. Saru tiswijjiet fuq il-bibien ta' barra li kienu gew sgassati, inbidel il-hgieg tat-twieqi u ghanda tigi ordnata tieqa ohra ghall-wahda mill-kmamar.
Inzebgha xaft ta' bejn il-kmamar u infethu l-katusi tad-drenagg li kienu mizduda bil-haxix u hmieg li akkumula matul iz-zmien. Fil-playing field inzebghu l-bandli, trangat il-lasta tal-football tal-ground u gie installat il-WIFI ukoll.

Giet diskussa l-possibilita biex f'din il-playing field tigi installat xatba (gate) bex it-tfal zghar ma' jibqghux hergin ghat-triq li hemm tant perikoluza. Ghandu wkoll jittranga t-tapit tas-safety ta' taht il-bandli.

5 <u>Toilets pubblici</u>.Gie diskuss biex tizdied il-facilita ta' toilets pubblici magenb dawn l-istess kmamar. Dawn it-toilets, flimkien ma' toilet iehor biswit l-ewwel kamra tad-dressing rooms, halli jkunu jistghu jintuzaw minn min jiza l-ewwel ufficju ghandhom jitfasslu u terga' ssir pjanta mill-Perit tal-Kunsill Etienne Magri. B'hekk il-kunsill ikun f' posizzjoni li jnehhi l-mobile toilets ta' magenb il-knisja ta' Burmarrad li qed jiswew somma rikorrenti ghall-manteniment

taghhom. Ghaldaqstant il-perit intalab biex jiehu hsieb jirranga l-pjanta ezistenti halli tigi emandata u jintalbu l-permessi necessarji halli jitwettaq dan il-progett. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

6 **Festa Bdiewa**. Billi din is-sena hem mil-hsieb li ghall-darba ohra tigi organizzata Festa Bdiewa, ghandu jibda l-process halli jintalab permess. Il-Kunsillier Joe Hili staqsa jekk ghandniex nipprovaw norganizzaw din il-festa bil-kollaborazzjoni ma' Heritage Malta biex niffokaw l-festa ma' prodotti tipikament Maltin. Ic-Cermen tal-Kumitat Simone Aquilina qalet li hija taqbel hafna ma' dan il-hsieb u ghandu jkun hemm biss prodotti Maltin tal-lokal bhal zejt, zebbug etc. Ghandu wkoll ikun sforz kbir biex jigi offrut it-talent Malti u tal-lokal. Ghandu wkoll johrog aktar l-aspett edukattiv u jsiru diskussjojijiet etc. Carmel Hili ssuggerixxa wkoll biex fl-okkazjoni jinfetah San Pawl Milqi. Kien hem mil-qbil li jinhatar xi hadd halli jiehu l-organizzazjoni ta' din il-festa f'idejh.

7 **Roundabout ta' quddiem l-ISCOTTS supermarket.** Ghanda tinkiteb ittra lill WSC biex naraw jekk il-kamra li hemm fuq ir-roundabout li kienet tintuza mill-istess korporazzjoni tistax titnehha billi din qatt ma' tintuza. Giet diskussa l-possibilta li jsiru uplighters that is-sigar halli johrog il-gmiel naturali tagghom billi dawn ghandhom hafna zmien u huma skedati. Ghaldaqstant ghandu jibda l-process halli jsiru l-pjanti u dokumenti mehtiega biex din ir-roundabout prominent f' Burmarrad tinghata dehra gdida u mill-isbah.

8 **Triq Gwanni Pawlu**. Sar il-qbil li din it-triq tinghat wicc bil-konkos minhabba li qatt ma' sar ix-xoghol fuqha mill-Gvern Centrali.

9 **Triq Busewdien**. **Ser isir extensive patching f'din it-triq ghall-valur ta'** €10,000 li ser jigu finanzjati €5000 direttament mill-Kunsill Lokali San Pawl u €5000 mill-allokazzjoni tal –Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Dan ix-xoghol ghandu jkun lest fi zmien hmistax minn din il-laqgha.

10 **Festa Burmarrad**. Sar il-qbil biex il-kumitat amministrattiv jghin fl-organizzazjoni tal-Festa ta' Burmarrad billi jhallas ghat-twahhil tal-*cast iron covers* li fihom jehlu l-arbli tal-festa. Ghall dan il-ghan gie miftiehm li jithallsu sa massimu ta' €1000.

11 **Laqghat tal-Kumitat Amministrattiv**. Giet diskussa l-possibilta li l-kumitat amministrattiv jibda jiltaqa' f'ufficcju gewwa l-playing field ta' Burmarrad. Dan fid-dawl

li issa tranga dan il-post u ghaldaqstant huwa eqreb u aktar accessibli ghar-residenti li joqghodu hemm, u allura jkunu aktar jistghu jippartecipaw fid-diskussjonijiet tal-lokalita tagghom.

12 **Zbir ta' Sigar**. Gie mressaq ilment minghand in-nies u residenti li hdejn l-ghar ta' San Martin u l-inhawi s-sigar qed johorgu sewwa fit-triq bil-konsegwenza li qed ikunu ta' periklu kbir ghas-sewwieqa. Ghaldaqstant, billi dawn is-sigar huma protetti, ghanda tinkiteb ittra lid-dipartiment tal-agrikoltura halli jew jizbor is-sigar id-dipartiment jew almenu ninghataw il-permess mehtieg biex iwettaw dan ix-xoghol il-kunsill stess.

13 **Qsari kbar f' Burmarrad**. Billi kienu qed jipparkjaw karozzi fuq il-bankina, biswit l-istage tal-linja b'mod abbuziv u perikoluz ghall kull min jghaddi minn hemm, gie deciz li fuq din il-bankina wiesgha fejn id-dar tar-raddiena, fit-triq principali ta' Burmarrad jitpoggew konki tal-qsari kbar.

**Aggornament.**

**Il-laqgha spiccat fit-8.15pm. Il-laqgha aggornat ghall nhar il-hamis 2 ta' Mejju 2013 fil- 5.30pm**

**Simone Aquilina**
**Kumitat Amministrattiv**

**Frans Chircop**
**Seg. Ezekuttiv.**